**17 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Debono

**Natura taċ-Ċittazzjoni – Preskrizzjoni – Reat Istantanju u Reat Permanenti**

*Iċ-ċitazzjoni mhix ħlief mod tal-preżentazzjoni ta' l-imputat quddiem il-Qorti. Ma hijiex l-intimazzjoni ta' l-imputazzjoni, liema imputazzjoni tiġi dedotta kontra l-imputat mill-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti.*

*L-indikazzjonijiet fl-att taċ-ċitazzjoni preskritti bl-artikolu 360 tal-Kap. 9 ma humiex meħtieġa taħt piena ta' nullità ta' dak l-att u anqas ma jimpurtaw in-nullità tal-proċeduri sussegwenti.*

*Il-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 hi reat istantanju, mentri dik kontemplata fl-artikolu 338(y) hi reat permanenti.*

Il-Qorti: –

Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer matul dawn l-aħħar xhur ta' Mejju/Ottubru 1989 fuq ftehim bonarju bejn l-imputat John De Bono u Marie Therese martu quddiem in-Nutar Dottor Joseph Brincat datat 6 ta' April 1988 u b'digriet

mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Ottubru 1987 Att. Nru. 125, huwa naqas li jagħti lil Martu Marie Therese De Bono dik is-somma ċjoè Lm30 (maltija) fix-xahar bħala manteniment għal ibnu minuri Andrew De Bono u għal dan il-fini obbliga ruħu li jagħmel *standing order* mal-*Mid Med Bank Ltd.*, u għalhekk qed *jikser l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali* li saret b'emenda bl-Att XIV ta' l-1983 u ċjoè meta hekk ordnat minn xi Qorti naqas li jagħti lil martu s-somma ffissata minn dik il-Qorti bħala manteniment għaliha u jew għal uliedha fi żmien 15-il ġurnata minn dak il-jum li fih skond l-ordni jkollu jħallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-15 ta' Ottubru, 1990 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat ħati ta' l-akkuża kif miġjuba kontra tiegħu, u wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali kkundannatu l-ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira Maltija;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-Qorti fl-ewwel lok tiddikjara l-proċeduri kontra tiegħu nulli "*ab initio*"; *in subsidium* tiddikjara li l-azzjoni ġiet preskritta fil-mori tal-proċess quddiem l-ewwel Qorti, u *in subsidium*, u f'każ biss li jiġu riġettati l-ewwel żewġ aggravji, li jiġi ddikjarat li l-fatt ma *jikkostitwix reat jew li r-reat ma jirriżultax, u* għalhekk tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni jew piena;

Rat l-atti l-oħrajn, u ttrattat l-appell, ikkunsidrat illi:

1. L-appell jinsab għad-deċiżjoni fuq l-ewwel żewġ aggravji ta' l-appellant. L-ewwel aggravju huwa li l-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti kienu nulli billi ċ-ċitazzjoni ma kinitx iffirmata minn Spettur tal-Pulizija, u ma kinitx datata. Dawn il-mankanzi huma evidenti;

2. F'dan ir-rigward jiġi rrilevat li ċ-ċitazzjoni mhiex ħlief mod tal-preżentazzjoni ta' l-imputat quddiem il-Qorti. M'hijiex l-intimazzjoni ta' l-imputazzjoni. L-imputazzjoni tiġi dedotta kontra l-imputat mill-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti (Kollez. Vol. XXXIII.IV.758). L-anqas l-indikazzjonijiet fl-att taċ-ċitazzjoni preskritti bl-artikolu 360 Kapitolu 9 ma huma meħtieġa taħt piena tan-nullità ta' l-att (Vol. XXV.IV.914). Għalhekk in-nuqqasijiet lamentati mill-appellant, għalkemm deplorevoli u indikanti traskuraġni da parti tal-Pulizija, *ma jimportawx* in-nullità tal-proċeduri sussegwenti;

3. It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa li l-azzjoni kriminali odjerna tinsab preskritta. Ir-reat dedott kontra l-appellant jikkostitwixxi kontravvenzjoni. Għalhekk l-azzjoni relattiva hija preskrivibbli bid-dekors ta' *tliet* xhur. *Mill-atti* jirriżulta li l-appellant deher quddiem l-ewwel Qorti fil-21 ta' Novembru, 1989, li kienet l-ewwel udjenza. In segwitu ma jirriżultax li deher quddiem il-Qorti qabel ma ġie nnotifikat fit-8 ta' Mejju, 1990 biex jidher fil-21 ta' dak ix-xahar. għalhekk ovvjament il-preskrizzjoni ma ġietx interrotta bejn Novembru, 1989 u Mejju, 1990;

4. Għal kull *buon fini* jiġi nnotat li r-reat dedott kontra l-appellant huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoè li kien naqas li jħallas lil martu l-manteniment għal ibnu meta kien hekk ordnat mill-Qorti. Dan huwa reat istantaneju. L-appellant ma ġiex akkużat bil-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(y) tal-Kodiċi Kriminali, ċjoè li kien ħalla fil-bżonn lit-tfal, li hu reat permanenti;

Għalhekk tilqa' l-appell billi tiddikjara l-azzjoni kriminali preskritta a tenur ta' l-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali, u

tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni u mill-piena inflitta mill-ewwel Qorti.